REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 305/2014

tal-25 ta' Marzu 2014

dwar l-awtorizzazzjoni tal-aċidu propjoniku, il-propjonat tas-sodju u l-propjonat tal-ammonju bħala addittivi tal-għalf għall-ispeċijiet tal-annimali kollha ħlief ir-ruminanti, il-majjali u t-tjur

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1831/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2003 fuq l-addittivi għall-użu fl-għalf tal-annimali [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 9(2) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 1831/2003 jistipula l-awtorizzazzjoni ta' addittivi għall-użu fl-għalf tal-annimali u r-raġunijiet u l-proċeduri għall-għoti ta' din l-awtorizzazzjoni.

(2) Skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003, ġiet ippreżentata applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni tal-aċidu propjoniku, il-propjonat tas-sodju u l-propjonat tal-ammonju. Flimkien ma' dik l-applikazzjoni ntbagħtu d-dettalji u d-dokumenti meħtieġa skont l-Artikolu 7(3) tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003.

(3) Dik l-applikazzjoni tikkonċerna l-awtorizzazzjoni tal-aċidu propjoniku, il-propjonat tas-sodju u l-propjonat tal-ammonju bħala addittivi fl-għalf għall-ispeċijiet kollha tal-annimali, li għandhom jiġu kklassifikati fil-kategorija tal-addittivi "addittivi teknoloġiċi", il-grupp funzjonali "addittivi tal-ħżin f'sajlo". L-applikazzjoni tinkludi wkoll użi oħra tal-istess sustanzi li għalihom s'issa għadha ma ttieħdet l-ebda deċiżjoni. L-addittiv ġie awtorizzat għal għaxar snin bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1222/2013 [2] għar-ruminanti, il-majjali u t-tjur.

(4) Fl-opinjoni tagħha tas-16 ta' Novembru 2011 [3], l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel ("l-Awtorità") ikkonkludiet li, fil-kundizzjonijiet ta' użu proposti, l-aċidu propjoniku, il-propjonat tas-sodju u l-propjonat tal-ammonju ma għandhomx effetti negattivi fuq is-saħħa tal-annimali, is-saħħa tal-bniedem jew l-ambjent. Ikkonkludiet ukoll li s-sustanzi jtejbu l-istabbiltà aerobika ta' materjali faċli biex jinħażnu f'sajlos. L-Awtorità tqis li ma hemmx bżonn ta' rekwiżiti speċifiċi għall-monitoraġġ wara l-kummerċjalizzazzjoni. Hija vverifikat ukoll ir-rapport dwar il-metodi ta' analiżi tal-addittivi tal-għalf imressaq mil-Laboratorju ta' Referenza stabbilit bir-Regolament (KE) Nru 1831/2003.

(5) Il-valutazzjoni tas-sustanzi kkonċernati turi li l-kundizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni, kif stipulat fl-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003, huma ssodisfati. Għaldaqstant, l-użu ta' dawn is-sustanzi għandu jiġi awtorizzat kif speċifikat fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

(6) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Is-sustanzi speċifikati fl-Anness, li jiffurmaw parti mill-kategorija tal-addittivi "addittivi teknoloġiċi" u mill-grupp funzjonali "addittivi tal-ħżin f'sajlo", huma awtorizzati bħala addittivi fl-għalf tal-annimali, suġġetti għall-kundizzjonijiet stipulati f'dak l-Anness.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-25 ta' Marzu 2014.

Għall-Kummissjoni
Il-President
José Manuel BARROSO

---

[1] ĠU L 268, 18.10.2003, p. 29.
[2] Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1222/2013 tad-29 ta' Novembru 2013 dwar l-awtorizzazzjoni tal-aċidu propjoniku, il-propjonat tas-sodju u l-propjonat tal-ammonju bħala addittivi tal-għalf għar-ruminanti, il-majjali u t-tjur (ĠU L 320, 30.11.2013, p. 16).
[3] *The EFSA Journal* 2011; 9(12):2446.

ANNESS

Numru ta' identifikazzjoni tal-addittiv	Isem id-detentur tal-awtorizzazzjoni	Addittiv	Kompożizzjoni, formula kimika, deskrizzjoni, metodu analitiku	Speċi jew kategorija tal-annimal	L-età massima	Kontenut minimu	Kontenut massimu	Dispożizzjonijiet oħrajn	Tmiem il-perjodu ta' awtorizzazzjoni
						mg/kg tal-għalf komplut b'kontenut ta' umdità ta' 12 %			
Kategorija ta' addittivi teknoloġiċi. Grupp funzjonali: addittivi tal-ħżin f'sajlo									
1k280	—	Aċidu propjoniku	*Kompożizzjoni tal-addittiv* Aċidu propjoniku ≥ 99,5 % *Karatterizzazzjoni tas-sustanza attiva* Aċidu propjoniku ≥ 99,5 % $C_3H_6O_2$ Nru CAS: 79-09-4 Residwu mhux volatili ≤ 0,01 % meta mnixxef b'140 C sa piż kostanti Aldeidi ≤ 0,1 % espressi bħala formaldeid Prodott b'sinteżi kimika *Metodu tal-Analiżi* ([1]) Il-kwantifikazzjoni ta' aċidu propjoniku bħala aċidu propjoniku totali f'addittivi tal-ikel, taħlitiet minn qabel, għalf: Kromatografija b'Faża Likwida ta' Rendiment Għoli (HPLC-RI) b'indiċi rifrattiv li teskludi l-joni	L-ispeċijiet tal-annimali kollha ħlief ir-ruminanti, il-majjali u t-tjur	—	—	—	1. L-użu fl-istess waqt ta' aċidi organiċi oħra fid-doża massimi permessi huwa kontraindikat. 2. L-addittiv għandu jintuża f'materjal faċli biex jinħażen f'sajlo ([2]). 3. L-użu fl-istess waqt ma' sorsi oħra tas-sustanzi attivi ma għandux jaqbeż il-kontenut massimu awtorizzat. 4. Għas-sikurezza: waqt l-immaniġġar għandhom jintużaw protezzjoni għan-nifs, protezzjoni għall-għajnejn, ingwanti u lbies protettiv.	Il-15 ta' April 2024
1k281	—	Propjonat tas-sodju	*Kompożizzjoni tal-addittiv* Propjonat tas-sodju ≥ 98,5 % *Karatterizzazzjoni tas-sustanza attiva* Propjonat tas-sodju ≥ 98,5 % $C_3H_5O_2Na$	L-ispeċijiet tal-annimali kollha ħlief ir-ruminanti, il-majjali u t-tjur	—	—	—	1. L-użu fl-istess waqt ta' aċidi organiċi oħra fid-doża massimi permessi huwa kontraindikat.	Il-15 ta' April 2024

Numru ta' identifikazzjoni tal-addittiv	Isem id-detentur tal-awtorizzazzjoni	Addittiv	Kompożizzjoni, formula kimika, deskrizzjoni, metodu analitiku	Speċi jew kategorija tal-annimal	L-età massima	Kontenut minimu	Kontenut massimu	Dispożizzjonijiet oħrajn	Tmiem il-perjodu ta' awtorizzazzjoni
						mg/kg tal-għalf komplut b'kontenut ta' umdità ta' 12 %			
			Nru CAS: 137-40-6 Telf fit-tnixxif ≤ 4 % iddeterminat permezz ta' tnixxif għal sagħtejn f'temperatura ta' 105 °C Insolubbli fl-ilma ≤ 0,1 % Prodott b'sinteżi kimika *Metodu tal-Analiżi* (1) Kwantifikazzjoni tal-propjonat tas-sodju fl-addittiv tal-għalf: (1) Kromatografija b'Faża Likwida ta' Rendiment Għoli b'sejba tal-indiċi rifrattiv li teskludi l-joni (HPLC-RI) – biex jiġi ddeterminat il-propjonat totali; u (2) spettrometrija tal-assorbiment atomiku, AAS (EN ISO 6869) – biex jiġi ddeterminat is-sodju totali. Kwantifikazzjoni tal-propjonat tas-sodju bħala aċidu propjoniku totali f'taħlitiet minn qabel, għalf: Kromatografija b'Faża Likwida ta' Rendiment Għoli b'indiċi rifrattiv li teskludi l-joni (HPLC-RI)					2. L-addittiv għandu jintuża f'materjali li faċli jinħażnu f'sajlo (2). 3. L-użu fl-istess waqt ma' sorsi oħra tas-sustanzi attivi ma għandux jaqbeż il-kontenut massimu awtorizzat. 4. Għas-sikurezza: waqt l-immaniġġar għandhom jintużaw protezzjoni għan-nifs, protezzjoni għall-għajnejn, ingwanti u lbies protettiv.	
1k284	—	Propjonat tal-ammonju	*Kompożizzjoni tal-addittiv* Preparazzjoni ta' propjonat tal-ammonju ≥ 19,0 %, aċidu propjoniku ≤ 80,0 % u ilma ≤ 30 % *Karatterizzazzjoni tas-sustanza attiva* Propjonat tal-ammonju: $C_3H_9O_2N$ Nru CAS 17496-08-1 Prodott b'sinteżi kimika	L-ispeċijiet tal-annimali kollha ħlief ir-ruminanti, il-majjali u t-tjur	—	—	—	1. L-użu fl-istess waqt ta' aċidi organiċi oħra fid-doża massimi permessi huwa kontraindikat. 2. L-addittiv għandu jintuża f'materjali faċli biex jinħażnu f'sajlo (2).	Il-15 ta' April 2024

Numru ta' identifikazzjoni tal-addittiv	Isem id-detentur tal-awtorizzazzjoni	Addittiv	Kompożizzjoni, formula kimika, deskrizzjoni, metodu analitiku	Speċi jew kategorija tal-annimal	L-età massima	Kontenut minimu	Kontenut massimu	Dispożizzjonijiet oħrajn	Tmiem il-perjodu ta' awtorizzazzjoni
						mg/kg tal-għalf komplut b'kontenut ta' umdità ta' 12 %			
			Metodu tal-Analiżi (1) Kwantifikazzjoni tal-propjonat tal-ammonju fl-addittiv tal-għalf: (1) Kromatografija b'Fażi Likwida ta' Rendiment Għoli b'sejba tal-indiċi rifrattiv li teskludi l-joni (HPLC-RI) – biex jiġi ddeterminat il-propjonat totali; u (2) titrazzjoni bl-aċidu tal-kubrit u bl-idrossidu tas-sodju biex jiġi ddeterminat l-ammonju. Kwantifikazzjoni ta' propjonat tal-ammonju bħala t-total ta' aċidu propjoniku f'taħlitiet minn qabel, għalf: Kromatografija b'Fażi Likwida ta' Rendiment Għoli b'indiċi rifrattiv li teskludi l-joni (HPLC-RI)					3. L-użu fl-istess waqt ma' sorsi oħra tas-sustanzi attivi ma għandux jaqbeż il-kontenut massimu awtorizzat. 4. Għas-sikurezza: waqt l-immaniġġar għandhom jintużaw protezzjoni għan-nifs, protezzjoni għall-għajnejn, ingwanti u lbies protettiv.	

(1) Id-dettalji dwar il-metodi analitiċi jinsabu fl-indirizz tal-Laboratorju ta' Referenza li ġej: http://irmm.jrc.ec.europa.eu/EURLs/EURL_feed_additives/Pages/index.aspx
(2) Foraġġ li faċli jinħażen f'sajlo: > 3 % karboidrati li jinħallu fil-materjal frisk (eż. pjanta sħiħa tal-qamħirrum, sikrana, ħafur jew polpa tal-pitravi), Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 429/2008 (ĠU L 133, 22.5.2008, p. 1).